MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru 168/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Guda Taddeus sive Teddy Rapa**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' att ta' citazzjoni presentat fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-10 ta' Mejju 2005) kontra Guda Taddeus sive Teddy Rapa, bin Paul u Salvina nee Mizzi, imwieled fit-2 ta' Lulju 1951, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 45751G, talli wara li ghamel xoghol ta' bini f'Tax-Xhajma Road, Nadur, Ghawdex, minghajr ma mexa skond il-permess u wara li kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-19 ta' Novembru 1997 u kkundannat ihallas multa ta' mitt lira (Lm100) u ordnat biex iwaqqa' x-xoghol tal-bini li sar minghajr il-permessi mehtiega fi zmien tlett xhur taht penali ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas, u wara li l-appell tieghu minn din is-sentenza kien

gie michud mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Gunju 1998, naqas li jikkonforma ruhhu mal-ligi u ghaldaqstant huwa ghandu jhallas is-somma ta’ sebgha w hamsin elf u tlett mitt lira (Lm57,300) bhala penali ta’ 2,292 jum mis-26 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-istess citazzjoni, u salv penali ohra ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta’ April 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Rapa hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu jhallas sebgha w hamsin elf u tlett mitt lira (Lm57,300) bhala penali ta’ elfejn mitejn u tnejn u disghin jum mis-26 ta’ Ottubru 1998, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Guda Taddeus sive Teddy Rapa (hawn aktar ‘l quddiem “Teddy Rapa”), minnu pprezentat fid-9 ta’ Mejju 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza (li, sa qabel l-udjenza tal-25 ta’ Awwissu 2008, waslu sa 456 faccata); semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; rat id-digrieti tal-10 ta’ Settembru 2007 u tal-25 ta’ Awissu 2008 li permezz taghhom giet ghal darbtejn sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex isiru xi verifiki dwar dokumenti; ikkunsidrat:

**1.** L-aggravji ta’ l-appellant huma erbgha u huma migjuba, b’mod ferm sintetizzat fir-rikors tieghu, hekk: (1) li waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma kienux permessi “korrezzjonijiet tal-akkuza” u li ghalhekk “fuq l-akkuza originali l-Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija”; (2) li l-ewwel qorti sabet lill-akkuzat hati ta’ fatt ta’ “non ottemperanza ta’ ordni ta’ Qorti”, meta fil-fatt qatt ma gie akkuzat b’dan; (3) illi hu gie akkuzat li naqas li jikkonforma ruhhu mal-ligi meta ma kien hemm ebda ligi li maghha kellu jikkonforma; u (4) li l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta kkonkludiet li l-eccezzjoni “nemo ad impossibilia tenetur” ma kienitx applikabbli.

**2.** Jibda biex jinghad li ghalkemm din il-kawza kienet tidher wahda semplici, fl-istadju ta' l-appell l-affarijiet ikkumplikaw ruhhom xi ftit principalment minhabba d-diversi dokumenti presentati principalment mill-appellant. In fatti l-atti spiccaw b'aktar minn 460 faccata. Qabel xejn, tajjeb, pero`, li wiehed jara ezattament dwar x'hiex qed nitkellmu bhala imputazzjoni, ghax, kif inhu evidenti, l-ewwel tlett aggravji huma intimament marbuta man-natura tal-imputazzjoni. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-19 ta' Novembru 1997 – fuq imputazzjoni li kienet tirrisali ghal qabel it-22 ta' Awissu 1987 – l-appellant odjern, allura imputat, kien instab hati li ghamel xoghol ta' bini fi Xhajma Road, Nadur, Ghawdex bla permess. L-imputazzjoni kienet tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 17(2) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) – liema disposizzjoni kienet ghadha fis-sehh meta sar il-fatt imputat – u l-piena kienet regolata bis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 17. Rapa, bl-imsemmija sentenza, kien gie mmultat Lm100, kien gie ordnat sabiex fi zmien tlett xhur inehhi l-kawza tar-reat u jregga' lura l-bini biex jikkonforma mal-permess, b'penali ta' hamsa w ghoxrin lira kuljum fin-nuqqas[1]. Huwa kien gie ordnat ukoll ihallas l-ispejjez peritali. Rapa appella ghal quddiem din il-Qorti – incidentalment kif illum komposta. Din il-Qorti, b'sentenza tas-26 ta' Gunju 1998 ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Inferjuri, bit-tlett xhur jibdew jiddekorru minn dik il-gurnata, cioe` mis-26 ta' Gunju 1998. Issa, l-imputazzjoni odjerna – cioe` dik ricevuta fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-10 ta' Mejju 2005 – hi proprju dik li l-imsemmi Rapa ma ottemperax ruhhu mal-ligi fis-sens li naqas milli jnehhi l-kawza tar-reat (il-bini jew kostruzzjoni bla permess) u jregga' lura l-affarijiet biex jikkonforma mal-permess. Il-prosekuzzjoni qed tghid li, flok ma huwa ghamel hekk – cioe` ottempera ruhhu mal-ligi kif kien ordnat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – fi zmien tlett xhur mis-26 ta' Gunju 1998 (id-data tas-sentenza tal-appell) huwa halla jghaddu,

[1] Skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 17 tal-Kap. 10 allura applikabbli – u li ghadu applikabbli ghall-kaz odjern in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 12(1)(d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 – il-penali f'forma ta' multa setghet tkun minn minimu ta' Lm25 ghal massimu ta' Lm50 ghal kull jum ta' nuqqas. Rapa gie kkundannat proprju l-minimu.

sad-data li fiha harget ic-citazzjoni, elfejn mitejn u tnejn u disghin gurnata (jigifieri aktar minn sitt snin), u ghalhekk qed titlob li tigi komputata dik il-multa, bhala parti mill-piena gja` inflitta, li huwa ghandu jigi kkundannat ihallas.

**3.** Fil-kors tas-smigh tal-kawza quddien il-Qorti Inferjuri, fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2006, wara li l-kawza kienet giet trattata izda ovvjament qabel ma nghatat is-sentenza, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-imputazzjoni u dan billi fil-komparixxi ic-cifra Lm57,300 kienet giet erroneament migjuba fi kliem bhala “hamsa w sebghin elf u tlett mija” minflok “sebgha w hamsin elf u tlett mija”. Id-difiza oggezzjonat, izda l-Qorti Inferjuri – korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti – laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-komparixxi. Dan kien evidentement *lapsus calami* u li b’ebda mod ma seta’ ppregudika lill-imputat fid-difiza tieghu ghax jekk wiehed jimmoltiplika 2292 b’25 (imqar jekk bl-uzu tal-*calculator* kif ghamlet din il-Qorti!) igib 57300 – apparti l-fatt li jekk wiehed kellu jimxi biss fuq ic-cifra fi kliem, il-prosekuzzjoni kienet qed tirriduci, mhux b’xi mod izzid, l-ammont involut! Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwa infondat. Minn dak li nghad fil-paragrafu ta’ qabel dan, huwa evidenti wkoll li anke t-tieni u t-tielet aggravji huma bla bazi. Jibqa’ ghalhekk x’jigi kkunsidrat ir-raba’ aggravju, u cioe` li huwa kien fl-impossibilita` legali u/jew fizika li jottempera ruhhu mal-ordni tal-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali.

**4.** Quddiem il-Qorti Inferjuri l-imputat, illum appellant, ma ddeponiex. Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha fl-udjenza tas-16 ta’ Marzu 2006 (il-provi kienu jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tal-Ispettur Antonello Grech, l-ex-Supretendent Salvu Galea, u Mark Cini tal-MEPA), fit-23 ta’ Marzu 2006 xehedu l-Avukati Dott. Alfred Grech u Dott. Peter Fenech. Dawn esebew diversi dokumenti, fosthom kopja ta’ rikors u digriet ta’ mandat ta’ inibizzjoni (Jannar u April 1999), fejn Teddy Rapa talab u ottjena l-ordni tal-qorti biex Frank Rapa ma jkomplix ihaffer u jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni (bini ta’ gibjun) fi proprjeta` fi Triq Ta’ Xhajma, u kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) tal-20 ta’ Jannar 2004 li tirreferi ghall-proceduri istitwiti in segwitu ghall-hrug tal-

mandat ta' inibizzjoni. Effettivament, b'din is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2004 it-talbiet ta' Teddy Rapa fil-konfront ta' Frank Rapa gew michuda. Dawn id-dokumenti ma huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, ta' ebda ghajnuna ghad-difiza sollevata mill-intimat quddiem l-ewwel qorti, u li issa qed tigi avanzata mill-gdid fl-appell, tal-impossibilita`. Gew presentati wkoll dokumenti – ossia kopja informi taghhom – li jirreferu ghall-proceduri penali li kienu gew istitwiti kontra Frank Rapa. Dawn ukoll ma huma ta' ebda relevanza u ta' ebda ghajnuna ghad-difiza prospettata. Hemm ukoll ittra – datata 4 ta' Jannar 2006, jigifieri ftit anqas minn sena wara li gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni kontra Teddy Rapa[2], Dok. P.F. 1 a fol. 39, fejn l-Avukat Dott. Peter Fenech ghal Teddy Rapa kiteb lill-Avukat ta' Frank Rapa u qallu, fost affarijiet ohra, hekk: *"…nitlob ghal darb'ohra l-koperazzjoni tal-klijent tieghek dwar il-proprjeta` f'tax-Xghajna Road, Nadur, Ghawdex sabiex tigi attwata s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 26 ta' Gunju 1998 fejn il-klijent tieghi kien gie ordnat sabiex jwaqqa' l-bini f'Tax-Xghajma li sar minghajr il-permessi. Skond l-istess sentenza l-klijent tieghi huwa ordnat iwaqqa' l-bini llegali biss kif huwa ben risaput huwa ma ghandux access ghal dan l-istess bini, access michud lilu rizultanti mill-agir illegali tal-klijent tieghek. Huwa ghalhekk ma jistax jezegwixxi l-ordni tal-Qorti minhabba l-fatt li ghandu bzonn l-access da parti tal-klijent tieghek Frank Rapa sabiex jidhol fil-fond in kwistjoni…Fin-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni l-klijent tieghi qed izomm lill-klijent tieghek responsabbli ghal kull penali u danni li ser isofri…".*

**5.** Fl-udjenza ta' wara t-23 ta' Marzu 2006, cioe` dik tal-21 ta' April 2006, l-Avukat Dott. Peter Fenech qajjem kwistjoni ohra, din id-darba ta' natura procedurali. Huwa rrefera ghad-digriet tal-Qorti Inferjuri moghti fl-udjenza precedenti (23/3/06) li permezz tieghu dik il-qorti kienet laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-korrezzjoni tac-cifra (fi kliem) tal-multa li kienet qed tintalab (ara para. **3**, *supra*), u informa lil dik il-qorti li l-klijent tieghu kien

[2] Kif gja` rajna, c-citazzjoni f'dan il-kaz giet prezentata fir-registru tal-Qorti ta' Ghawdex fl-10 ta' Mejju 2005.

intavola kawza kostituzzjonali fejn, minhabba dak id-digriet, kien qed jallega li kien gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Huwa ezebixxa anke kopja tar-rikors promotorju (Dok. X a fol. 70), u talab li dik il-qorti tissoprassjedi sakemm ikun hemm l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali. B’digriet motivat moghti *seduta stante*, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) cahdet it-talba ghas-soprassessjoni. Minnufih wara dan id-digriet, l-Avukat Fenech talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-23 ta’ Marzu 2006, cioe` tad-digriet aktar ‘l fuq imsemmi li permezz tieghu ntlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni fil-kliem tac-cifra tal-penali. B’digriet motivat iehor, ukoll moghti *seduta stante*, il-Qorti Inferjuri cahdet anke din it-talba. Ghandu jinghad li minn dawn id-digrieti <u>ma sar ebda appell</u> (kif effettivament seta’ jsir skond l-Artikolu 415 tal-Kap. 9), ghax bir-rikors ta’ appell tieghu tad-9 ta’ Mejju 2006 l-appellant kjarament qed jappella <u>biss</u> mis-sentenza tal-21 ta’ April 2006.

**6.** Fis-sentenza appellata tal-21 ta’ April 2006, l-ewwel qorti, a propositu tad-difiza tal-impossibilita`, u a bazi ta’ dak li kienet semghet u d-dokumenti li kienu ngiebu a konjizzjoni taghha, qalet hekk:

**“Id-difiza sostniet ukoll bla pregudizzju ghal eccezzjonijiet minnha gja` sollevati, li l-imputat ma setghax jezegwixxi l-ordni tal-Qorti a bazi tal-principju *nemo tenetur ad impossibilia*.**

**“Id-difiza ressqet lil Dottor Alfred Grech sabiex tipprova lill-Qorti li l-proprjeta` li ghandha tigi demolita, ma hiex ta’ l-imputat, izda tas-socjeta` u peress li ghandu relazzjoni hazina mas-socju l-iehor tas-socjeta`, Rapa Showrooms Co. Limited, u cioe` ma’ huh, ma setghax jobdi l-ordni tal-Qorti ghaliex kien imbezzgha minnu tant li m’ghadx ghandu access ghal din il-proprjeta`.**

**“Id-difiza sostniet ukoll li l-proprjeta` msemmija fis-sentenza fuq citata, ma tappartjenix lill-imputat, izda lis-socjeta` Rapa Showrooms Co. Limited u li ghalhekk semma [<u>recte</u>: semmai] dik is-sentenza**

**messha nghatat fil-konfront tas-socji kollha ta' dik is-socjeta`.**

**….**

**"L-argument imressaq mid-difiza u cioe` li l-proprjeta` in kwistjoni ma tappartjenix lill-imputat wahdu, ma hix difiza f'din il-kawza, setghet kienet biss difiza fil-kawza originali qabel ma nghatat is-sentenza u dan ghaliex din il-Qorti ghandha biss kawza dwar non ottemperanza ta' ordni ta' Qorti. Id-difiza ta' min tghajjat il-proprjeta` in kwistjoni messha nghatat fil-kawza originali li llum tinsab *res iudicata* b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-kawza hija biss fuq il-kwantifikazzjoni ta' penali.**

**"Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidhol u tara lil min jghajjat il-bini li l-imputat gie ordnat iwaqqa' izda li tara li l-ordnijiet taghha jigu ezegwiti.**

**"Il-Qorti tirrileva wkoll li din m'hiex kwistjoni ta' *nemo tenetur ad impossibilia* ghaliex l-imputat ma ghamel xejn sabiex jipprova jobdi l-ordni tal-Qorti. Ma jidhirx mill-atti li l-imputat qatt talab l-assistenza tal-pulizija ai fini tal-buon ordni sabiex jezegwixxi l-ordni tal-Qorti. Strah biss fuq il-fatt li minghalih, ghaliex ghandu relazzjoni hazina ma' huh, allura setgha ma jobdix tali ordni gudizzjarja."**

**7.** Din il-Qorti bla tlaqliq tghid li din is-silta ma fiha ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi; u fil-verita` fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant ma jispjegax ghala l-Qorti Inferjuri "waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta kkonkludiet li l-eccezzjoni 'nemo ad impossibilia tenetur' m'hijiex applikabbli".

**8.** Ftit wara li gie pprezentat ir-rikors tal-appell, l-appellant ipprezenta rikors iehor[3] quddiem din il-Qorti li bih talab li dawn il-proceduri tal-appell jigu sospizi pendenti l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali gja` msemmija. Din il-Qorti

[3] Datat 23 ta' Gunju 2006 – fol. 106 tal-atti.

rrizervat li tipprovdi dwar dak ir-rikors fl-ewwel udjenza tal-appell – li kienet skedata ghall-10 ta' Lulju 2006. Fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2006 ma seta' jsir xejn ghax l-avukat tal-appellant kien impenjat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili proprju fil-kawza kostituzzjonali aktar 'l fuq imsemmija. It-talba ghas-soprassessjoni giet trattata fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2006, f'liema udjenza din il-Qorti cahdet l-istess talba (ara kopja a fol. 133). Fl-istess udjenza tal-11 ta' Lulju 2006 xehedu wkoll, fost ohrajn, Mark Cini (dan iddepona tlett drabiet – darba bhala xhud tal-prosekuzzjoni, darba bhala xhud tad-difiza u fit-tielet okkazjoni fuq talba tal-Qorti ghal skjarimenti[4]), kif ukoll l-Avukat Dott. Peter Fenech. Mid-deposizzjonijiet ta' Mark Cini jirrizulta abbundantement pruvat li dawk l-affarijiet li, sat-22 ta' Awissu <u>1987</u>, ma kienux koperti bil-permess relattiv (u li allura kien hemm fil-konfront taghhom l-ordni ghar-ripristinar, taht penali fin-nuqqas, konfermat bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju <u>1998</u>) kienu ghadhom, sal-11 ta' Lulju <u>2006</u> ma tnehhewx. L-istess Cini kkonferma li kien l-istess appellant Teddy Rapa li kien iffirma u pprezenta diversi applikazzonijiet quddiem il-MEPA sabiex il-bini u l-izvilupp in kwistjoni jigi regolarizzat, izda dawn l-applikazzjonijiet kienu kollha gew rifjutati. Cini kkonferma wkoll li <u>llum</u> (jew ahjar, meta kien qed jiddeponi) il-persuna li fizikament kienet thaddem l-impjant kien Frank Rapa, u qal ukoll li sar jaf li mill-<u>1999</u> 'l hawn kien hemm "xi dizgwid" bejn l-appellant Teddy Rapa u huh Frank Rapa. Meta l-istess Cini gie riprodott fuq ordni tal-Qorti, huwa kkonferma li l-MEPA qatt ma kellha xi talba da parti tal-appellant Teddy Rapa biex din b'xi mod tghinu biex huwa jkun jista' jottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti biex jirripristina l-post. Qal ukoll li <u>wara l-1999</u> gie li kellu komunikazzjonijiet mal-appellant li kien jilmentalu li huh (Frank) kien qed jaghmel xi xoghol <u>addizjonali</u> (i.e. addizjonali ghal dak gja` kolpit bl-ordni tas-26 ta' Gunju 1998) bla permess.

**9.** Meta ddepona Dott. Peter Fenech, ukoll fil-11 ta' Lulju 2006, huwa qal li ghalkemm l-art in kwistjoni hija tal-appellant, il-post *ut sic* huwa (jew, ghall-anqas sakemm

---

[4] Mark Cini ddepona wkoll drabi ohra fil-kors ta' dan l-appell.

kien qed jiddeponi, kien) gestit minn kumpannija. Ghamel referenza ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell li kienet sabet li Frank Rapa kien abuzivament u illegalment approprija ruhhu minn parti mill-art in kwistjoni. In kontro-ezami, meta gie mfakkar li huwa kien qal li l-appellant kien gie "inibit milli jidhol fil-post b'ordni tal-qorti", u gie mitlub jghid jekk hemmx kopja ta' tali ordni, l-istess avukat wiegeb hekk: "Dwar l-inibizzjoni ma niftakarx jekk kienx hemm [kopja ezibita]. Ma niftakarx. Nista' nghid illi bejn l-appellant u Frank Rapa li huwa huh, kien hemm, issa bdew jispiccaw jigifieri, xi sitta, sebgha kawzi ta kull lat, anke kriminali hemm." Mistoqsi specifikatament minn din il-Qorti matul dan il-periodu kollu (jigifieri mis-26 ta' Gunju 1998 sa meta l-istess avukat kien qed jiddeponi) x'qatt ghamel l-appellant biex jezegwixxi l-ordni tal-qorti, l-imsemmi avukat wiegeb li "…ippruvajna nidhlu darba…Jien kont involut…Kont Ghawdex, urieni c-cwievet ghax ic-cwievet zammhom, tbiddlu fizikament u zdied 'gate'. *He physically showed me* li apparti l-'gate' ta' barra hemm 'gate' jigifieri li hu m'ghandux access [ghaliha]. Huwa ricenti relattivament."[5] Apparti din id-darba, l-imsemmi avukat ma kien jaf b'ebda okkazjoni ohra fejn sar xi tentattiv biex l-ordni tal-qorti jigi obdut. Anzi huwa jikkonferma li l-klijent tieghu qatt ma talab l-ghajnuna la tal-Pulizija u lanqas tal-MEPA biex huwa jkun jista' jwettaq dak ordnat mill-qorti. Minn din id-deposizzjoni jidher li l-kuntatti li l-imsemmi avukat kien ikollu mal-MEPA kienu aktar intizi biex jipprova jara kienx hemm xi possibilita` li dak li l-izvilupp li kien sar jigi regolarizzat. Anqas ma seta' jghid l-imsemmi avukat jekk f'dan iz-zmien kollu kienitx saret xi kawza biex Teddy Rapa jkun jista' jwettaq l-ordni tal-qorti, ghalkemm jghid li protest x'aktarx kien sar kontra Frank Rapa[6].

**10.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa wkoll in-noti dettaljati tal-partijiet – l-Avukat Generali (fol. 166 *et seq.*) u tal-appellant (fol. 171 *et seq.*). Dawn gew presentati in vista

---

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

[6] Kopja ta' dan il-protest qatt ma giet ezibita. Ara wkoll id-dokument a fol. 216 sa 219 li jelenka d-diversi proceduri li l-appellant u huh kellhom bejniethom, u li xi whud minnhom possibilment ghadhom ma spiccawx. L-uniku protest gudizzjarju li jissemma' huwa ta' Frank Rapa kontra Teddy Rapa, u mhux bil-kontra.

tal-osservazzjoni, maghmula mill-istess Qorti fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju 2006 (ara l-verbal a fol. 131), dwar jekk, fin-nuqqas tal-parti li tottempera ruhha mal-ordni tal-qorti kienx hemm is-setgha, jew addirittura l-obbligu, tal-MEPA li tagixxi. Il-verbal, pero`, jkompli hekk: “Taghmilha cara li qed tistieden lill-partijiet jippresentaw in-nota interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilta` o meno ta’ l-appellant fir-rigward tal-mertu tal-proceduri odjerni, izda jidhrilha li dan il-punt ghandu jigi epurat peress illi jista’ jkun relevanti fid-dawl tar-raba’ aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu tad-9 ta’ Mejju 2006”. Minn ezami ta’ dawn in-noti, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija (taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 10, illum imhassra, izda li jibqghu applikabbli ghal kaz li avvera ruhhu meta dawk id-disposizzjonijiet kienu ghadhom fis-sehh) u possibilment ukoll il-MEPA kellhom is-setgha li jezegwixxu huma l-ordni ghar-ripristinar tal-post meritu ta’ din il-kawza, tali <u>setgha</u> ma tammontax ghal xi <u>obbligu</u> li, jekk ma jitwettaqx, jezonera mir-responsabbilta` penali lill-persuna li tkun hi giet direttament ordnata milli twettaq l-ordni tal-qorti. Fi kliem iehor, anke jekk il-Kummissarju tal-Pulizija u/jew il-MEPA setghu, fin-nuqqas ta’ ottemperanza tal-appellant odjern, jagixxu huma direttament, dan il-fatt <u>ma jnaqqas xejn mill-obbligu u r-responsabbilta` penali tal-appellant odjern</u> jekk jirrizulta li huwa jkun naqas milli jottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti. U dan huwa sew li jkun hekk, ghax altrimenti jkun ifisser li min jigi ordnat jottempera ruhhu mal-ligi, jigi ma jimpurtah xejn minn dak l-ordni ghax jibda jhalli dejjem f’’idejn l-awtorita` pubblika. L-awtorita` pubblika, bir-ragun, bhala regola tintervjeni direttament biss meta jkun hemm dak li, fid-dritt pubbliku Ingliz jissejjah “a public nuisance”, u dan apparti prioritajiet ohra li jista’ jkollha ghal dawk li huma l-utilizzar tar-rizorsi, neccessarjament limitati, taghha. Ghalhekk, fil-kaz odjern, il-fatt li l-awtorita` pubblika setghet, kieku riedet, tintervjeni meta rat li l-appellant ma kienx ottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` penali tal-istess appellant, salv dejjem li huwa seta’ legalment u/jew fizikament iwettaq dak l-ordni.

**11.** Fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006, meta kellu jixhed l-Avukat Dott. Alfred Grech, dan, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx. Il-Qorti hadet il-provvediment opportun fil-konfront tieghu, u ddifferiet il-kawza ghat-22 ta’ Dicembru 2006. F’din l-udjenza, pero`, minhabba n-numru ta’ kawzi fuq il-lista, l-appell ma setax jinstema’ u l-kawza thalliet ghat-2 ta’ Frar 2007. F’din l-udjenza tat-2 ta’ Frar xehed l-imsemmi Avukat Grech. Mistoqsi direttament mill-Qorti jghid x’ghamel l-appellant biex jipprova jottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti tas-26 ta’ Gunju 1998, dan ix-xhud wiegeb hekk (fol. 186):

**“X’ghamel l-imputat. Nista’ ninforma lill-Qorti li l-imputat ma seta’ jaghmel xejn materjalment u nispjega ghaliex. Il-kawzi li hemm pendenti fic-civil, hemm kemm-il wahda, hemm wahda ghal zgumbrament, hemm wahda biex ixolji l-kumpanija u jispicca kollox, hemm ohra anke…bdew fin-*ninety-five*. Jigifieri meta l-Qorti Kriminali ddecidiet li ddecidiet hu kien fl-…jien nghid issa, daka tarah il-Qorti, …fl-impossibilita` materjali li jesegwixxi. Si tratta wkoll, ha nispjega f’din il-Qorti, illi dan huh mhux xi bniedem kalm, dan huh jiena waqt il-…gejt anke mhedded. Darba minnhom anke gie rekkinni bit-*truck*, kont qed insuq jigifieri, mhux bniedem li titratta mieghu qisek qed tiratta ma’ xi hadd li jirraguna.”**

Ippressat, pero`, mill-Qorti biex jghid l-appellant x’ipprova jaghmel, imqar permezz ta’ proceduri civili, biex jottempera ruhhu mal-ligi, dana x-xhud <u>kellu jammetti hekk</u> (fol. 186):

**“Ma ghamilx. Jien ma nahsibx li jinstab xejn. U nahseb, forsi…ippermettili nispjega ghaliex…ghaliex l-art…l-art fejn qed, fejn hemm dan il-bini, sitratta minn art tieghu u tat-tfal. Kwindi hu, psikologikament, u nahseb anke min ikun qed jahdem jew jahseb, ‘Isma’, kif din l-art hija [tieghi], jien ma nistax naghmel li rrid biha?’ <u>U iktar kien, nahseb, iffokat, jew</u>**

**iffokajna, illi nizgumbrawh [lil huh] minn hemm, imbaghad…".** [7]

**12.** Minn din id-deposizzjoni tal-imsemmi Avukat Grech johrog car li, fil-pataflum ta' kawzi li nfethu, l-aktar mill-appellant kontra huh, il-kwistjoni tal-esekuzzjoni tal-ordni tal-qorti sabiex jitnehha dak li kien sar bla permess, giet relegata ghal wara nett – anzi mhux semplicement *placed on the back burner* izda fir-realta` ma sar xejn. Minkejja s-suppost theddid ta' Frank Rapa – l-istess xhud jammetti li ma kienx ha passi kontra l-istess Frank Rapa talli kien "heddu" – jidher car anke minn dana x-xhud li l-appellant odjern ma ghamel xejn konkret jew bis-serjeta` biex ghall-anqas jipprova jew juri li pprova verament jezegwixxi l-ordni tal-Qorti ta' Gustizzja Kriminali tas-26 ta' Gunju 1998. B'dana x-xhud id-difiza ghalqet il-provi taghha.

**13.** Din il-Qorti, izda, riedet terga' tisma' lil Mark Cini biex tkun taf ghala, minkejja *enforcement notice* mahrug aktar recentement kontra Frank Rapa in konnessjoni ma' l-istess bicca art, ebda azzjoni ezekuttiva ma kienet ghadha ttiehdet. Ghalhekk l-appell gie differit ghad-9 ta' Marzu 2007. Intant, qabel din l-udjenza ta' Marzu, l-appellant ezibixxa permezz ta' nota, kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2006 li kienet irrevokat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u b'hekk ordnat lil Frank Rapa jizgombra mill-art *de quo*; kopja tas-sentenza tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) tas-7 ta' Dicembru 2006 li permezz taghha l-allegazzjonijiet ta' l-istess Teddy Rapa li kien gie lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq bil-korrezzjoni fl-imputazzjoni odjerna ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (ara para. **3**, *supra*) giet dikjarata bhala semplicement frivola u vessatorja; u dokument ta' erba' faccati li jelenka d-diversi proceduri gudizzjarji li fihom kienu involuti l-ahwa Rapa. Is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2006 ma titfa' ebda dawl fuq il-kwistjoni u l-linja difensjonali tal-allegata "impossibilita`" li wiehed jottempera ruhhu mal-ordni tal-qorti – il-fatt li Frank Rapa u l-kumpannija Rapa Brothers Company Limited kienet qed taghmel uzu mill-art *de quo* minghajr titolu validu fil-

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.

ligi b'ebda mod ma jfisser neccessarjament li ghall-appellant odjern kien "impossibbli" li jottempera ruhu mal-ligi. Kwantu ghad-dokument ta' erba' faccati (ara wkoll nota *in calce* nru 5, *supra*), minnu ma jirrizulta li sar xejn (ez. protest gudizzjarju, kawza biex huh ihallih jidhol halli jkun jista jottempera ruhhu mal-ligi, ecc.) da parti tal-appellant odjern biex jipprova jottempera ruhhu mal-ordni ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998. Frankament dan id-dokument aktar jgharraq milli jghin lill-appellant.

**14.** Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007 (l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2006 ma setghetx issir – ara fol. 220) rega' xehed Mark Cini. Huwa spjega li apparti l-izvilupp bla permess li ghalih kien jirreferi l-ordni ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998, kien hemm irregolarita` ohra kommessa din id-darba minn Frank Rapa u li fir-rigward taghha inharget *enforcement notice* f'Jannar tal-1999. Huwa spjega wkoll ghala, fil-fehma tieghu, matul il-medda ta' snin il-MEPA ma haditx azzjoni ezekuttiva, u dan – dejjem skond ix-xhud – minhabba li kien ikun hemm talbiet sabiex l-izvilupp jigi regolarizzat u wara appell lill-Bord tal-Appelli tal-MEPA, kif ukoll minhabba d-diversi kawzi li kien hemm pendenti, l-ahhar wahda fosthom kawza kostituzzjonali maghmula mill-istess appellant Teddy Rapa kontra l-MEPA fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Dan kollu, pero`, b'ebda mod ma jista' jispjega ghala l-appellant, fil-perijodu inkriminat, ma ghamel jew ipprova jaghmel xejn biex b'xi mod jottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998. Wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell f'din l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007, il-kawza baqghet ghas-sentenza bil-fakolta` li l-appellant, tramite d-difensur tieghu Dott. Peter Fenech, jippresenta spekkjet (aggornat) tad-diversi kawzi li kienu ssemmew[8], filwaqt li l-prosekuzzjoni kellha tipprezenta nota ta' referenzi riferibbilment ghas-sentenzi li ghamlet referenza ghalihom fit-trattazzjoni (ara l-verbal a fol. 221). In-nota ta' l-Avukat Generali giet prezentata fid-9 ta' April 2007, u maghha

[8] Dan l-ispekkjet gie pprezentat b'nota datata 9 ta' Mejju 2007 – ara fol. 290 sa 293. Dan id-dokument, pero`, bhal dak ezibit a fol. 216 sa 219, ma jindika ebda tentattiv jew sforz maghmul mill-appellant fil-periodu inkriminat biex huwa jottempera ruhhu mal-ligi b'referenza ghall-ordni ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998. Juri biss dak li osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, u cioe` li r-relazzjonijiet bejn l-appellant u huh kienu hziena.

kien hemm ukoll kopja tal-hames sentenzi – wahda tal-Qorti Kriminali, li allura kienet tisma' l-appelli mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u cioe` qabel ma twaqqfet il-Qorti tal-Appell Kriminali, u erbgha ta' din il-Qorti. Sfortunatament l-avukata mill-Uficcju tal-Avukat Generali li pprezentat in-nota jidher li, kuntrarjament ghal kull buon prassi f'kaz meta tigi ezibita kopja ta' sentenza, ghamlet xi notamenti fil-margini ta' tnejn minn dawn is-sentenzi. L-appellant, ghalhekk, b'rikors datat 9 ta' Mejju 2007 talab li l-kopji ta' dawn iz-zewg sentenzi jigu sfilzati. Ovvjament din il-Qorti ma pprovdietx fuq dan ir-rikors ghax ir-rimedju ma hux l-isfilz izda li din il-Qorti, bhalma dejjem isir f'kazjiet simili, semplicement tinjora tali kummenti. Fl-istess data – 9 ta' Mejju 2007 – l-appellant ippresenta nota (li, tajjeb li jinghad, ma kienitx awtorizzata minn din il-Qorti[9]) li permezz taghha ezibixxa kopja ta' ittra datata <u>26 ta' Marzu 2007</u> mibghuta mill-konsulent legali tieghu lic-*Chairman* tal-MEPA fejn l-istess appellant ippropona li huwa jirtira l-kawza kostituzzjonali dwar id-diskriminazzjoni basta li l-MEPA "minnufih tidhol sabiex twaqqa' l-bini illegali skond l-istess avviz ta' twaqqiegh". Ezibixxa wkoll hames "reminders" ghall-imsemmija ittra, u l-"acknowledgments" li huwa kull darba kien debitament jircievi, minghajr, pero` ebda risposta sostantiva. Ma' l-istess nota ezibixxa wkoll ittra ohra, kwazi fl-istess sens, datata <u>8 ta' Mejju 2007</u>, b'kopja ta' sentenza kostituzzjonali annessa maghha. Bhal dawn id-dokumenti, l-appellant ippresenta sensiela ohra – korrispondenza mal-MEPA u mal-Kummissarju tal-Pulizija – bin-noti tieghu tas-17 ta' Mejju 2007[10] u 24 ta' Mejju 2007. Frankament dawn id-dokumenti kollha, kif ukoll dokumenti ohra li gew ezibiti b'noti pprezentati aktar tard[11], ma jghinu xejn it-tezi tal-appellant, ghax dawn kollha jirreferu ghal fatti u cirkostanzi *ex post facto* cioe` <u>wara</u> li kien iddekorra t-terminu stabbilit minn din il-Qorti fis-sentenza taghha

---

[9] Ara a propositu l-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007, a fol. 428, u specjalment dak registrat a fol. 429.
[10] In-nota tas-17 ta' Mejju 2007 u d-dokumenti a fol. 314 sa 333 huma kopja ta' dak li hemm a fol. 294 sa 313.
[11] Ara n-noti tal-4 ta' Gunju 2007 (fol. 337), 19 ta' Gunju 2007 (fol. 343), 2 ta' Lulju 2007 (fol. 348), 9 ta' Lulju 2007 (fol. 350), 29 ta' Awissu 2007 (fol. 359), 7 ta' Settembru 2007 (fol. 425), 11 ta' Ottubru 2007 (fol. 445) u 21 ta' Dicembru 2007 (fol. 448).

tas-26 ta' Gunju 1998 u wara wkoll li giet prezentata (f'Mejju 2005) ic-citazzjoni tal-Pulizija meritu tal-kawza odjerna. Meta fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007 din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-appellant ghall-fatt li huwa ma kien b'ebda mod gie awtorizzat jipprezenta dawn in-noti, l-Avukat Dott. Peter Fenech ghall-appellant fisser "li dawk in-noti kienu kollha intizi biex jiddokumentaw l-isforzi ta' l-appellant biex fil-mori tal-appell jasal biex ikun jista' legalment jiddemolixxi l-kostruzzjoni kif originarjament ordnat in vista tal-fatt li, skond hu, l-awtoritajiet ma riedux jipprocedu huma ghad-demolizzjoni"[12]. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li evidentement minn Marzu tal-2007 'l quddiem, meta l-appellant probabbilment beda jirrealizza li t-tezi tieghu ta' *ad impossibilia nemo tenetur* ma kienitx legalment fondata, huwa ghamel – jew l-Avukat Dott Peter Fenech ghamel ghalih – sforz enormi biex, anke bil-ghajnuna tal-awtoritajiet (inkluzi dawk gudizzjarji), inehhi l-izvilupp illegali li kien hemm. Kieku l-appellant ghamel imqar farka zghira minn dan l-isforz bejn is-26 ta' Gunju 1998 u s-26 ta' Ottubru 1998, jew f'xi zmien iehor qabel l-10 ta' Mejju 2005, din il-Qorti – u certament anke l-Qorti Inferjuri – kienet tkun propensa li tibda biex tikkunsidra d-difiza tal-impossibilita`. Il-provi, inkluzi d-deposizzjonijiet tal-avukati tal-appellant, izda, juru inkonfutabbilment li l-appellant kien mohhu biss fil-kawzi kontra huh u halla l-ordni ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 1998 *in suspended animantion* ghax deherlu, jew gie moghti parir hekk, li kien "impossibbli" ghalih li jwettaq l-ordni tal-qorti. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tosserva – ara s-sentenzi taghha fl-ismijiet **The Police v. Kang Se Il** (28/7/1994) u **Il-Pulizija v. Domenico Savio Spiteri** (17/3/2000) – biex din id-difiza tibda biex tigi kkunsidrata mill-Qorti jrid jintwera, almenu sal-grad tal-probabbli, li dak li jkun ikun ghamel sforz genwin biex jottempera ruhhu mal-ligi, sforz li ma jieqafx mal-ewwel diffikulta`, ghax is-semplici diffikulta` ma tammontax ghal impossibilita`. Minn dak li nghad hawn aktar 'l fuq, huwa evidenti li tali sforz ma sarx fil-periodu inkriminat – beda jsir biss fl-2007. Lodevoli kemm hu lodevoli dan l-isforz tardiv, din il-Qorti ma tistax

[12] Ara l-hames paragrafu tal-verbal a fol. 429. Effettivament kwazi l-irregolaritajiet kollha gew, sussegwentement, rimossi f'xi zmien lejn l-ahhar tal-2007 – ara d-dokument a fol. 434 u d-deposizzjoni ta' Mark Cini tas-7 ta' Novembru 2008, fol. 459 *et seq.*

tikkunsidrah ghall-finijiet tar-responsabbilita` fit-termini tal-imputazzjoni kif dedotta. Jista’ biss jigi kkunsidrat ghall-finijiet tal-koncessjoni tal-beneficcju tal-hlas rateali tal-multa. Ghalhekk anke r-raba’ aggravju huwa infondat, kif gustament ritenut mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata taghha.

**15.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U wara li rat l-Artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali, taghti l-fakulta` lill-appellant li jhallas il-multa ta’ mija u tlieta u tletin elf erba’ mija u tlieta u sebghin Euro (€133,473, gja` Lm57,300) b’rati mensili ta’ tlett elef seba’ mija u tmien Euro (€3,708) l-wahda, bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha 7 ta’ Awwissu 2009, bil-pagamenti l-ohra jkunu dovuti mhux aktar tard mis-seba’ jum ta’ kull xahar, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament anke wiehed biss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------